C/2026/986

11.2.2026

Avviż għall-attenzjoni ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

(C/2026/986)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Viktor Ivanovych Ratushniak, Vitalii Yuriyovych Zakharchenko u Serhiy Vitalyovych Kurchenko, persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK ([1]) u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 ([2]) dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni li ser titqies fil-qafas tar-rieżami annwali tal-miżuri restrittivi. Il-persuni msemmija hawn fuq huma b'dan infurmati li jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill biex jiksbu l-elementi li l-Kunsill għandu fil-fajl tiegħu fir-rigward tad-deżinjazzjoni tagħhom, **qabel it-18 ta' Frar 2026**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

F'dan ir-rigward, l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati tingħibed għar-rieżami regolari mill-Kunsill tal-lista ta' persuni ddeżinjati fid-Deċiżjoni 2014/119/PESK u r-Regolament (UE) Nru 208/2014.

([1]) ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26.
([2]) ĠU L 66, 6.3.2014, p. 1.